



Ġabra tal-ġurisprudenza

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (L-Ewwel Awla) tas-17 ta' Mejju 2017 – PG vs Frontex

(Kawża T-583/16)

“Servizz pubbliku – Membri tal-persunal temporanju – Nuqqas ta’ tiġdid ta’ kuntratt għal żmien determinat – Proċedura ta’ tiġdid – Artikolu 266 TFUE – Dmir ta’ premura – Responsabbiltà mhux kuntrattwali”

1. *Rikors għal annullament – Sentenza ta’ annullament – Effetti – Obbligu li jiġu adottati miżuri ta’ eżekuzzjoni – Portata – Teħid inkunsiderazzjoni kemm tal-motivazzjoni kif ukoll tad-dispożittiv tas-sentenza – Retroattività tal-annullament – Deċiżjoni li ma għandhiex neċessarjament tirriproduċi l-istess raġunijiet bħal dawk li jidhru fl-att annullat*

(Artikolu 266 TFUE)

(ara l-punti 41-45, 47, 48, 53)

2. *Uffiċjali – Membri tal-persunal temporanju – Reklutaġġ – Tiġdid ta’ kuntratt għal żmien determinat – Setgħa diskrezzjonali tal-amministrazzjoni – Dmir ta’ premura tal-amministrazzjoni – Teħid inkunsiderazzjoni tal-interessi tal-membri tal-persunal ikkonċernat – Stħarriġ ġudizzjarju – Limiti*

(Kondizzjonijiet tal-impjeg applikabli għall-aġenti l-oħra, Artikolu 8)

(ara l-punti 71-74)

3. *Proċedura ġudizzjarja – Rikors promotur – Rekwiżiti ta’ forma proċedurali – Identifikazzjoni tas-suġġett tat-tilwima – Espożizzjoni sommarja tal-motivi invokati – Rikors intiż għall-kumpens għad-danni kkawżati minn istituzzjoni tal-Unjoni – Elementi li jippermettu li jiġu identifikati l-aġir li bih hija akkużata l-istituzzjoni, ir-rabta kawżali u n-natura reali u ċerta tad-dannu kkawżat*

(Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 21 u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 53; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 76(d))

(ara l-punti 90-92)

4. *Rikorsi tal-uffiċjali – Talba għad-danni marbuta ma’ talba għal annullament – Ċaħda ta’ talba għal annullament li twassal għaċ-ċaħda tat-talba għad-danni*

(Regolamenti tal-Persunal, Artikolu 91)

(ara l-punt 94)

5. *Uffiċjali – Responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-istituzzjonijiet – Kundizzjonijiet – Illegalità – Dannu – Rabta kawżali – Kundizzjonijiet kumulattivi*

(Artikolu 340 TFUE)

(ara l-punt 97)

6. *Uffiċjali – Responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-istituzzjonijiet – Nuqqas li jitwettaq l-obbligu li sentenza ta' annullament tiġi eżegwita f'terminu raġonevoli – Nuqqas amministrattiv*

(Artikolu 266 TFUE)

(ara l-punt 98)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża, minn naħa, għall-annullament tad-deċiżjoni tal-awtorità responsabbli għall-konklużjoni tal-kuntratti tal-impjeg tal-Frontex, tad-9 ta' Ġunju 2015, li ma ġġeddidx il-kuntratt tar-rikorrent u, min-naħa l-oħra, għall-kumpens għad-dannu li r-rikorrent allegatament sostna.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) PG huwa kkundannat għall-ispejjeż.